**27 ta' Frar, 1964**

**Imhallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Joseph Magro

*versus*

Denis Russel noe

**Rresponsabbiltà — Culpa in eligendo**

*Ditta jew persuna hija responsabbli ghal incident li fih ikorri xi mpjegat taghha jekk l-istess ditta jew persuna ma hadítx hsieb tassikura l-inkolumità tal-haddiema taghha stess, billi ippermettiet illi huma jahdmu taht sistema difettuża li sata' jipprovoka u fil-fatt ipprovoka d-disgrazzja in kwistjoni.*

Il-Qorti, fuq l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April, 1960 kien qieghed

jaħdem bħala impjegat ta' l-istess kumpanija fil-mina taħt l-art Wied Dalam, San Ġorġ, safa korrut billi waqa' pipe kbir fuq siequ bil-konsegwenza illi siequ kellha tiġi amputata minn taħt irkuptejn u billi dan l-inċident kien dovut għan-negliġenza tal-istess kumpanija, talab illi (i) il-konvenut fil-kwalità premessa jiġi dikjarat responsabbli għad-danni li sofra mħabba l-inċident fuq imsemmi tat-tnejn u għoxrin (22) ta' *April, 1960, (2) jiġu likwidati l-istess danni fis-somma ta' elf* u mitejn lira (£1,200) jew somma verjuri (3) jiġi kkundannat iħallas dik is-somma li tiġi hekk likwidata — bl-ispejjeż u bl-interessi kommerċjali;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:—

(1) Illi l-aċċident in kwistjoni ġara bi ħtija tal-attur stess, ċertament mhux ħtija tad-Ditta konvenuta, li għaliha mhix attribwibbli l-ebda mankanza, anke għaliex għax-xogħlijiet in kwisjoni kellha biex jidderiġu xogħlijiet nies kompetenti; jew li għall-anqas ma kellha ebda raġuni illi [illegible] li ma kienux kompetenti;

(2) Subordinatament illi l-attur sofra inkapaċità permanenti parzjali u sigurament m'huwiex intitolat għas-somma massima ta' elf u mitejn lira (£1,200.0.0) li huwa qiegħed jitlob fiċ-ċitazzjoni;

(3) Dejjem in subordine d-ditta konvenuta ħallset "ex gratia" diversi ammonti lill-attur mill-Benevolent Fund tal-istess ditta, u inoltre l-attur irċeva diversi somom mingħand id-Director of Emigration Labour and Social Welfare taħt in-National Insurance Scheme, iżda l-ebda menzjoni ta' dawn is-somom ma hi magħmula la fiċ-ċitazzjoni u lanqas fid-dikjarazzjoni;

Omissis.

Tikkunsidra illi l-periti fuq imsemmija waslu għall-konklużjoni:

(1) Illi l-inċident li fih l-attur safa korrut u in konsegwenza tiegħu sofra l-amputazzjoni ta' riġlu l-leminija minn taħt irkoptu ma kienx dovut għall-ħtija tal-attur;

(2) Illi l-konvenut huwa responsabbli ta' din id-disgrazzja;

(3) Illi d-danni li għalihom huwa ntitolat l-attur huma ta' £1414.0.0. b'kollox;

F'din ir-relazzjoni l-periti ma aċċettawx l-eċċezzjoni talkonvenut, ripetuta fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Ġunju, 1962, (fol. 82) illi d-ditta konvenuta ma kellha ebda kolpa in eligendo f'dan il-każ u għalhekk għal din ir-raġuni wkoll ma kienitx responsabbli;

In-noti tal-partijiet wara l-preżentata tar-rapport jirriferixxu appuntu għal din il-kwistjoni;

Ma jidhirx illi hemm kwistjoni fuq il-fatti li kkawżaw id-disgrazzja li sofra l-attur u li huma esposti dettaljatament fir-relazzjoni peritali. L-attur li kien impjegat mad-ditta konvenuta fil-ġurnata msemmija fiċ-ċitazzjoni kien wieħed mill-ħaddiema inkarigati biex jiġbdu pipe tal-ħadid fuq wall brackets permezz ta' ħbula: kienu qegħdin imexxu pipes ta' tnax-il pulzier u kollox kien miexi normalment però meta waslu biex jiġbdu waħda ta' tmien pulzieri dina qabżet minn fuq il-bracket peress illi l-ankra li kien hemm mal-ħajt u li kellha taqbad il-pipe kienet imwaħħla fil-għoli wisq bil-konsegwenza illi meta l-ħaddiema ġibdu l-pipe din qabżet minn fuq il-bracket u waqgħet fl-art, u ġiet fuq sieq l-attur billi dan ma rnexxilux jiskansa billi tfixkel fir-rails li kien hemm fl-art. Kif sewwa kkonkludew il-periti (fol. 105) "Il-fatt illi l-ankra kienet fil-

għoli wisq u ma kienitx kwindi fil-pożizzjoni korretta tagħha kkaġunat li l-pipe mbaram 'l isfel u ġie fuq sieq l-attur". Dan il-fatt seta' ġie evitat u għalhekk ma jistax jiġi konsiderat bħala casus fis-sens ġuridiku tal-kelma.

Il-konvenut eċċepixxa illi ma hux tenut għad-danni għaliex huwa nkariga nies kompetenti biex jagħmlu x-xogħol u li ma kellux raġuni biex jaħseb li ma kienux hekk kompetenti, u għalhekk se mai għandu jirrispondi għad-danni min għamel a terminu tad-dispost tal-art. 1080 Kodiċi Ċivili;

Biex wieħed jirsolvi dan il-pont irid imur ftit lura u jara kif l-ankra li suppost kellha żżomm il-pipe biex ma jaqax ġiet mwaħħla iktar fil-għoli milli kien imissha. Skond l-istess konvenut (fol. 85 et seq.), il-persuni nkarigati mid-ditta għal dawn l-operazzjonijiet kienu Mr Mcallen u Mr Moss. Ix-xogħol ta' Mr Mcallen kien ta' deputy agent u l-bniedem inkarigat biex jikkoordina x-xogħol kollu tal-pipes. Ix-xogħol tiegħu kien ta' superviżjoni teknika. Kif qal il-konvenut "The anchor must have been fixed by men working under Mcallen's supervision. He was responsible for the fixing of the anchors. The bolts for holding the anchor had been fixed by a different department, namely the concreting section...... (fol. 86). The concreting department was supervised by Mr. J. Stewart...... On a Wimpey site supervision is covered by an agent, with several subagents responsible for various sections of the work. At the time of the accident Mr. Furlonger was the agent in Malta...... (fol. 87) A special shutter was used for concreting the walls of the tunnel with special fixtures for locating all bolts, anchors and pipe brackets. It was a repetition job not requiring measurements for each sequence of concreting. Positions therefore were fixed and workers had to simply fit the bolts with fixed holds before concrete was poured. No special skill for locating the bolts was required. The tunnel walls were concreted in lengths of forty feet. It is possible that adjacent lengths of 40 feet could be located at slight differences of level

possibly causing bolt alignment between adjacent lengths to be at slightly different levels. Workmen fixing the bolts would not be in a position in their repetition job to detect such a difference of level in the shutters. Control of setting the shutters to level was under the supervision of the U.K. Section Engineer. The concrete section finished its work well ahead of the pipe section though they both worked to the same set of drawings. The U.K. section engineer was under the supervision of the subagent Mr. Stewart". Huwa mportanti li wieħed jirriproduċi dak li xehed il-preċitat Moss. "Following this incident I fixed temporary safety brackets. It did not occur to me before the incident that such brackets were necessary. The anchor was permanently fixed and was found to be set in the wrong position when the incident occurred...... I did not notice that the anchor was not in the right position before the accident (fol. 75);

Dan juri illi d-diagrazzja ma ġratx imħabba xi fatt isolat ta' xi persuna nkarigata mid-ditta konvenuta u li biħ l-istess Ditta ma setgħetx ma tkunx taf jew ma setgħetx timpedixxi. Dan ma kienx per eżempju każ ta' xi driver li jaħbat ma' xi ħadd bil-car li jkun qiegħed isuq u jkorrih, jew ta' xi appaltatur li mħabba armar ħażin tax-xogħol ikorri lil xi ħadd li jkun għaddej. F'każi bħal dawn ir-responsabilità tas-sid jew kommittent kuntrattur hija limitata għall-każ kontemplat fl-art. 1080 Kodiċi Ċivili;

Hawn għall-kuntrarju hawn negliġenza tal-istess Ditta konvenuta li ma ħaditx ħsieb tassikura l-inkolumità tal-ħaddiema tagħha stess, billi ippermettiet illi huma jaħdmu taħt sistema difettuża li sata' jipprovoka u fil-fatt ipprovoka d-disgrazzja in kwistjoni. Dana jidħol fil-konċett stess tal-kulpa aquiliana għaliex hemm traskuraġni li b'kontrolli aħjar da parti tad-ditta konvenuta setgħet tiġi evitata. Id-ditta konvenuta li ma hix persuna fiżika bil-fors trid tisserva bix-xogħol ta' nies inkarikati minnha, imma dak li jagħmlu dawn in-nies fil-post

tax-xogħol jibqa' hemm permanentement u għalhekk jidħol fir-responsabilità għall-istess ditta. Il-Qorti m'hiex qegħda tgħid illi Ditta li timpjega n-nies hija obbligata tirrisarċixxi d-danni sofferti mill-impjegati tagħha f'kwalunkwe ċirkostanza, għaliex biex isir dan irid ikun hemm kuntratt ad hoc u hawn tidħol dik il-kolpa kontrattwali li ma hiex fit-termini taċ-ċitazzjoni *u li semma wkoll il-konvenut fin-nota tal-osservazzjoni* tiegħu. Jekk il-każ ma' kienx fortuwitu, kif il-Qorti qiegħda tirritjeni li ma kienx, ir-responsabilità tad-ditta konvenuta tidħol fil-kamp ta' kważi delitt u mhux tal-kuntratt, però hija responsabbli l-istess ditta li ma tistax teħles mir-responsabilità tagħha *taħt* l-art. 1080 Kodiċi Ċivili, għaliex id-disgrazzja issuċċediet *ankè għall-fatt proprju tagħha.* Biex wieħed jerġa' jirrepeti fi kliem ieħor il-konċett ġia espost fuq, l-attur m'hux qiegħed jippretendi danni għaliex per eżempju xi għodda jew oġġett ieħor li kellu f'idejh jew kien qiegħed iġorr x'impjegat ieħor tad-ditta konvenuta waqa' fuqu u korrieh, jew għaliex ġie nvestit minn xi vettura jew konġenju ieħor mmexxi jew attivat minn x'impjegat, meta dan il-fatt kien dovut biss għall-ħtija tal-impjegat;

Lanqas ma tidher korretta l-osservazzjoni asserzjoni tal-*konvenut illi għax-xogħol huwa* responsabbli *biss Furlonger* bħala aġent tagħha Kif sewwa rrileva l-attur, Furlonger ma kienx xi sempliċi appaltatur estranu, imma kellu, bħala project manager, ir-rappreżentanza tad-ditta konvenuta, bħal ma kellhom ir-rappreżentanza tad-ditta l-Project Managers li ġew warajh; *il-kopja tal-korrispondenza esibita turi illi kien jifferma* għal "George Wimpey & Co. Ltd." (ara fol. 67, 69, 70, 71) *bħal ma kien jagħmel is-suċċessur tiegħu. Furlonger* huwa l-istess Ditta konvenuta;

Għaldaqshekk prevja adozzjoni tal-konklużjoni peritali dwar din l-ewwel kwistjoni ta' responsabilità tal-konvenut nomine, sa fejn huwa kompatibili ma dak li ġie fuq espost, tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba, u tirriserva illi tippronunzja

ruħha iktar tard fuq it-talbiet l-oħra: spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.